TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Interpretazzjoni ta' Decizjoni Nru 121

KAZ NRU 161

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

The Movement of United Bank Employees

u

l-Management ta' Central Bank,
Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta

dwar ftehim kollettiv

Data: 3 ta' Jannar, 1983

Chairman: Godfrey A Craig
Membri: Sonny Borg
Salvino Spiteri

Il-'Movement of United Bank Employees' kitbu lit-Tribunal ghal kjarifika ta' certi punti fejn kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Union u l-Management, fl-implimentazzjoni tal-Award Nru 121 tat-28 ta' Mejju, 1982.

2. Dawn il-punti kienu:

(a) Dwar l-assimilazzjoni ta' Manager I fil-grad ta' Manager II;

(b) Promozzjoni ta' 30% ta' supervisors I fil-grad il-gdid ta' Supervisors II;

(c) Promozzjoni ta' 50% tal-Clerks I ghal Clerks II.

3. It-Tribunal irid jigbed l-attenzjoni ghall-paragrafu Nru 13 ta' l-Award Nru 121 (pagna 22), fejn stabbilixxa li "it-Tribunal ma jistax anqas kieku jrid ghajr li jimxi skond li tghid il-ligi li biha gie stabbilit l-istess Tribunal". Mela t-Tribunal, kif intqal, kellu ta' bilfors izomm relativita mal-Gvern u ghalhekk l-assimilazzjoni tal-Manager I ghall-grad ta' Managers II ghandha tigi applikata fil-kontest ta' l-ezercizzji tar-'restructuring' li dak iz-zmien kienu qeghdin jigu mplimentati mill-Gvern b'effett mill-l ta' Ottubru, 1981.

Id-data effettiva mill-1 ta' Jannar 1980 kienet cara li tirreferi biss ghal dak li jirrigwarda arretrati fejn kien hemm revizjoni, izda fejn kien hemm kreazzjoni ta' gradi godda kien hemm stipulat car li d-data tkun dik ta' l-l ta' Ottubru, 1981, izda l-assimilazzjoni tal-post ta' Manager I mal-Manager II kienet biss tibdila fl-istruttura u mhux revizjoni ta' salarju.

Dwar il-promozzjoni ta' 30% ta' Supervisors I ghall-grad il-gdid ta' Supervisors II kif ukoll il-promozzjoni ta' 50% ta' Clerks I ghall-grad il-gdid ta' Clerks II, il-persentagg ghandu jinhadem fuq "l-approved complement" kif kien fl-l ta' Ottubru, 1981.

G A CRAIG
Chairman

Sonny Borg
Membru

A. Bartolo Parnis
Segretarju
Tribunal Industrijali

3 ta' Jannar, 1983

.../3

ja

Is-Sur Salvino Spiteri ma jaqbilx maz-zewg membri l-ohra tat-Tribunal fl-interpretazzjoni taghhom dwar l-intenzjoni tal-kliem 'in strict order of seniority' fir-rigward tal-promozzjoni ta' 30 fil-mija tas-Supervisor I ghas-Supervisor II u ta' 50 fil-mija tal-Clerk I ghal Clerk II, skond l-award Nru 121.

Fil-fehma tieghu meta l-Bank Centrali ta' Malta u l-Mid Med Bank naqsu li jimlew ukoll 'in strict order of seniority' il-postijiet fil-gradi ta' Supervisor II, u fil-kaz tal-Mid Med Bank ta' Clerk II ukoll, vakati minn ex-impjegati taghhom, li ghalkemm kienu spiccaw xorta wahda nghataw il-promozzjoni, iz-zewg Banek in kwestjoni ma baqghux aktar konformi ma l-ittra u l-ispirtu ta' l-award.

Ta min josserva wkoll li f'award 121, il-kondizzjoni li l-promozzjonijiet ta' 30% ta' Supervisor I ghal Supervisor II u ta' 50% ta' Clerk I ghal Clerk II, kellhom isiru 'in strict order of seniority' hi wahda basika u ghaldaqstant ma tistax tigi applikata parzjalment. Peress ukoll illi l-award 121 ma setghetx hlief tikkoncerna ruhha ghajr biss minn dawk li qieghdin fl-impieg (il-fatt li mill-award gawdew ukoll ohrajn li kienu spiccaw hu ghal kollox incidentali), dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-postijiet li gew vakati fil-gradi ta' Supervisor II u Clerk II kellhom ukoll jimtlew 'in strict order of seniority' kif tghid l-award.

F'dan ir-rigward, wiehed irid josserva wkoll li l-mod li mxew bih kemm il-Bank Centrali ta' Malta u l-Mid Med Bank, holoq anomalija ma numru ta' impjegati li, ghax dawn minflok haslu misshom f'Bank misshom f'iehor, baqghu minghajr promozzjoni, u dan minkejja li huma kienu gew reklutati bl-istess ezami, u bdew jahdmu fl-istess gurnata ta' shabhom, li ghax inzertaw misshom f'Bank iehor, hadu l-promozzjoni.

Billi kienu l-Banek stess li dejjem sostnew li fit-tilwima kienu qieghdin jidhru 'parti wahda', il-Banek ma jistghux logikament u gustament issa ma jittrattawx l-impjegati taghhom kollha l-istess, indipendentiment f'liema bank qeghdin. Il-fatt li l-Banek hassew li fil-kwistjoni prezenti jidhru separatament ma jezonerahomx minn dan l-obbligu lejn l-impjegati taghhom.

L-award 121 l'istess bhal kull award tat-Tribunal, ghandha fost konsiderazzjonijiet ohra, titqies u tissarraf fid-dawl tal-principji tal-Gustizzja Naturali u dawk tal-Gustizzja Socjali kif jinsisti l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali: liema Att jiskarta kull xorta ta' formalizmu legalistiku.

Jidher ghalhekk, li l-aktar kriterju importanti u baziku fit-twettiq ta' award tat-Tribunal, ghandu jkun, mhux tant il-kliem per se ta' l-award imma s-sinifikat taghhom biex issir il-gustizzja ma' min jisthoqqha.

S. Spiteri
S. SPITERI
Membru

A. Bartolo Parnis
A. Bartolo Parnis
Segretarju

3 ta' Jannar, 1983